Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 1978/1998/1

**Avviz. numru 1978/98 DM**

**E. Grech Cristal Bath Limited**

**Vs**

**Tony Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma bilancjali ta' disgha mija u tmientax-il lira u disgha u erbghin centezmi maltin (Lm918.49) dovuta minnhu in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti u servizzi relatati forniti mis-socjeta' attrici lilu fuq ordni tieghu stess skond rendikont anness mal-avviz u mmarkat dokument "A".

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-itra ufficjali datata 10 ta' Settembru, 1998 u bl-interessi kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nita tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Tony Sammut fejn ecipixxa illi:-

1. It-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici, stante li l-merkanzija kkonsenjata ma kinetx tal-kwalita pattwita, kif ser jirrezulta waqt it-trattazzjoni tal- kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba illi l-konvenut, fejn wara li ippermetta:
(a) illi l-konvenut ordna minghand is-socjeta attrici konsenja ta' madum bil-patt u kundizzjoni li dan il-madum kellu jkun ta' l-istess kwalita' u kulur bhal kampjun muri lill-konvenut qabel il-bejgh, u
(b) illi wara li twahhal l-imsemmi madum fil-propjeta tal-konvenut, deher evidentament li l-madum ikkonsenjat beda juri lwien u shadows diversi u ghalhekk ma kienx skond il-kampjun imsemmi, u
(c) illi is-socjeta attrici ghalkemm interpellata biex tbiddel l-istess madum ghas-spejjez taghha, naqset milli taghmel dan, bir-rizultat li l-konvenut inkorra danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

talab li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta attrici tikkumpensa lill-konvenut ghall-konsenja ta' madum li ma kinetx tal-kwalita pattwita;

2. Tiddikjara lis-socjeta attrici responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut minhabba inadempjenza da parti taghha.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut, anki permezz ta’ periti nominandi.

4. Tikkundanna lis-socjeta attrici thallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata li ghal fini ta’ kompetenza l-ammont pretiz ma jcedix is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1. It-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut kien jaf illi qed jixtri madum li kien klassifikat bhala “seconds” u fi kwalunkwe kaz l-madum issa gie mqieghed;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tas-17 ta’ Mejju 2000 fejn gie nominat l-AIC Fredrick Doublet bhala perit tekniku u d-digriet tal-21 ta’ Lulju 2000 fejn il-perit tekniku l-AIC Fredrick Doublet gie sostitwit bl-istess inkarigu mill- AIC Joseph Mizzi.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku AIC Joseph Mizzi mahlufa fl-4 ta’ April 2002;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni odjerna tirrigwarda konsenja ta’ madum mibjugh mill-atturi lill-konvenut u, waqt illi s-socjeta attrici qedgha titlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ l-istess madum, il-konvenut qieghed jirrifjuta li jaghmel dan il-hlas billi jsostni illi l-madum kkonsenjat, mwahhal fil-post, ma kienx tal-kwalita pattwita billi rrizulta li kien madum difettuz,

Konsegwentament il-konvenut qieghed jitlob mhux biss li jigi awtorizzat li ma jhallasx il-prezz ta’ l-istess madum izda fil-kontrotalba tieghu jitlob li l-Qorti tillikwida d-danni

minnu sofferti minhabba il-konsenja difettuza u tikkundanna lis-socjeta attrici biex thallas dawn id-danni hekk likwidati.

Ghaldaqstant, il-kompitu tal-Qorti huwa li fl-ewwel lok tistabilixxi jekk effettivament il-madum ikkonsenjat mhuwiex madum difettuz jew inferjuri u, f'ezitu possittiv, tiddecidi jekk dan il-madum ta' kwalita' inferjuri kienx effettivament il-madum illi fuqu gie miftiehem il-bejgh.

Mir-relazzjoni teknika jirrizulta definitivament stabbilit illi il-madum tac-ceramika illi gie mibjugh mil-kumpanija attrici lil l-konvenut mwahhal fil-flats tal-konvenut ma kienx ta' kulur uniformi u ghalkemm ma jistax jigi definitivament ikkwalifikat bhala difettuz ghadu almenu jigi definit bhala madum ta' kwalita' "sekondarju" jew inferjuri.

Ghalhekk irid jigi stabbilit jekk il-konvenut meta mar biex jixtri l-madum minghand is-socjeta' attrici kienx ikkonkluda il-bejgh dwar madum tac-ceramika li effettivament jjssejjah bhala "seconds" u li ma jkollux il-kuluri uniformi jew jekk il-bejgh li gie pattwit bejn il-kontendenti kienx jirrigwarda madum perfett u ta' kwalita' superjuri izda biss bil-kundizzjoni li l-prezz kellu jkun irhis u fl-ammont li kien dispost ihallas il-konvenut.

Keith Grech, is-salesman tal-kumpanija attrici fid-depozizzjoni tieghu isostni illi kien il-konvenut stess li effettivament talab biex jixtri madum irhis u dan fis-sens li l-madum kellu jkun ta' kwalita' inferjuri billi l-kulur ma kienx ikun uniformi u anke jista jkollu xi tikek jew difetti zghar ohra.

Infatti l-istess xhud isostni illi spjega dan kollu lill-konvenut, ta' opportunita' lill-konvenut biex jezamina il-madum in kwistjoni u l-konvenut accetta li jixtri l-madum ta' kwalita' sekondarja li effettivament gie mibjugh. Dan gie ukoll ikkonfermat mid-direttur tal-kumpanija attrici Manuel Grech.

Minn naha l-ohra il-konvenut Tony Sammut jichad din il-versjoni tax- xhieda tal-kumpanija attrici. Huwa jsostni illi

meta mar fl-istabbiliment tal-kumpanija attrici, huwa ried biss jixtri madum ta’ prezz moderat u bl’ ebda mod ma talab madum “seconds” jew madum difettuz u jsostni li kieku kien jaf illidak li kien qed jigi muri ma kinux uniformi fil-kulur taghhom, hu ma kienx jixtrihom.

Mir-relazzjoni teknika jirrizulta illi ma ghandu l-ebda relevanza il-fatt li l-atturi kienu hallew ghad-dispozizzjoni tal-konvenut xi maduma jew tnejn ghal ezami billi in-nuqqas ta’ uniformita’ fuq kulur tista tigi nnutata biss meta il-madum ikun lahaq gie imqieghed ma’ l-art.

Ghalhekk, ghad-determinazzjoni ta’ din il-kwistjoni il-Qorti toqghod fuq l-apprezzament tad-depozizzjonijiet tax-xhieda imsemmija.

Ghandu jinghad illi ma jista qatt jigi presunt illi xerrej prospettiv ikun tenut illi jrid jakkwista oggett sekondarju u wisq inqas difettuz. Il-prezunzzjoni hija illi kull prospettiv xerrej, ghalkemm jista jkun interessat illi jzomm il-prezz kemm jista jkun baxx, ma jkunx qieghed ifittex biex jixtri oggetti sekondarji jew difettuzi.

Ghalhekk il-prova li effettivament il-konvenut ikun ftiehem ma’ l-attur biex jixtri oggetti sekondarji tispetta lil kumpanija attrici.

Billi fl-invoice relattivi (ezibita a fol 11 tal-process) ma hemm l-ebda referenza ghall-kwalita sekondarja tal-madum li kien qed jigi mibjugh, fin-nuqqas ta’ ebda cirkostnza li tista’ tikorrobora l-verzjoni taghhom, id-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-atturi, kif ikkontestati mid-depozizzjoni tal-konvenut, ma jwasslux ghal prova suffficjenti li effettivament il-bejgh kien gie pattwit dwar madum li ghandu jigi ikkunsidrat ta kwalita inferjuri.

Ghaldaqstant il-konvenut hu gustifikat illi jilmenta dwar il-kwalita tal-madum ikkonsenjat u illi jippretendi illi ma ghandux jigi tenut ihallas. Dak l-ammont li l-atturi qed jippretendu bhala bilanc tal-prezz ta’ l-istess madum.

Pero jirrizulta wkoll mid-depozizzjoni ta' l-istess konvenut illi, nonostante il-kwalita inferjuri ta' dan il-madum mibjugh, huwa effettivament utilizzah, hallieh imwahhal fil-post u infatti illum l-appartamenti, li fihom gie imwahhal il-madum in kwistjoni jinstabu wkoll trasferiti l-interzi.

L-anqas ma jirrizulta, fin-nuqqas ta' provi fir-rigward, illi l-konvenut effettivamnet sofra xi danni minhabba il-kwalita inferjuri ta l-istess madum.

Infatti l-istess konvenut jistqarr illi ghar-rigward ta' tnejn (2) mill-flats mibjugha lil certu Willie Cuschieri u lill-ibnu dawn kienu digia' nvoluti fit-trattattivi mall-konvenut meta kien qed jitwahhal il-madum u effettivament accettaw l-appartamenti bil-madum in kwistjoni minghajr ma pretendew xi riduzzjoni fil-prezz tal- bejgh fil-kuntratt ta l-akkwist.

Ghar rigward l-appartament l-iehor ghalkemm il-konvenut isostni illi ix-xerrej ta dan l-appartament naqqaslu mitt lira (Lm100) mill-prezz minhabba il-kwalita tal-madum, il-konvenut ma pproduca ebda provi dwar dawn l-allegazzjonijiet.

Ghal daqstant filwaqt li l-Qorti tiddikjara li t-talba rikonvenzjonali proposta mil-konvent mhijiex sorretta mill-provi u ghalhekk tirrespingijha, issib illi l-konvenut huwa gustifikat fil-eccezzjoni tieghu li l-merkanzija kkonsenjata ma kinitx tall-kwalitapattwita.

Izda, billi jirrizulta wkoll illi il-konvenut effettivament utilizza il-madum ikkonsenjat u effettivament illum biegh l-appartamenti li fihom gie mwahhal il-madum huwa ma jistax jippretendi li hu ma jhallas xejn tal-merkanzija li effettivament ghamel uzu minnha u, billi ma saret ebda stima ta' xi beneficcju li setgha ottjena l-konvenut mill-merci inferjuri in kwistjoni, l-Qorti qieghda *arbitrio boni viri* stante li l-madum ikkonsenjat xi valur kellu, jistabbilixxi l-konvenut ghandu jibbenifika mir-riduzzjoni fil-prezz ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) minhabba l-kwalita' inferjuri tal-madum konsenjat u utilizzat.

Ghal daqstant qieghda tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma ta sitt mija u tmienja u sittin lira u erba' u disghin centezmu (Lm668.94) bl-imghaxijiet legali bl-effet mis-16 ta' Ottubru 1998.

Dwar l-ispejjez tordna li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------